# FIL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Illum 16 ta' Frar 2023**

Appell numru 483/2022

**Il-Pulizija**

**vs.**

**John MALLIA**

Il-Qorti rat is-segwenti:

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell ta' John MALLIA (detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 80957M) minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar id-29 ta' Awissu 2022 fejn ġie mixli talli nhar it-28 ta' Awissu 2022 għall-ħabta tas-7.15hrs ta' filgħodu ġewwa l-fond 13 Flat 36 Triq Ananija, San Pawl Il-Baħar:

   Ikkommetta att ta' natura sesswali mingħajr il-kunsens fuq il-persuna ta' Alvaro Sanchez Lumbreras u dan bi ksur tal-Artikolu 207 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar ‘il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali, wara li rat l-Artikolu 207 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni, sabet lill-imputat appellant MALLIA ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u poġġietu taħt Ordni ta’ Probation għal żmien tlett snin mid-data tas-sentenza bil-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet ammess mas-sentenza u ħarġet ukoll ordni ta’ trażżin fil-konfront tal-imputat għal żmien tlett snin ukoll mid-data tas-sentenza u dan skont il-kundizzjonijiet hemmhekk elenkati.

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi MALLIA appella minn din is-sentenza fejn talab lil din il-Qorti sabiex joġgħobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f’dik il-parti fejn sabet ħtija fl-appellant fir-rigward tal-imputazzjoni hekk miġjuba kontra tiegħu u tirrevokaha f’dik il-parti konċernanti l-piena fejn il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) imponiet fil-piena l-paragrafu (d) fl-Ordni tat-Trażżin fil-konfront tal-appellant u dan wara li stqarr is-segwenti (in suċċint):

(i) L-esponent jissottometti li fl-ewwel lok il-vittma mhux minuri iżda persuna maġġorenni. Għaldaqstant, l-appellant ma jistax jifhem għaliex huwa ma jistax ‘joffri kwalunwke tip ta’ servizz, inkluż mhux biss, dak ta’ trasport lil minuri mhux taħt il-ħarsien ta’ persuni maġġiorenni’. Illi l-appellant huwa persuna miżżewwġa u kap ta’ familja u li qatt ma kellu problemi mal-ġustizzja u wisq anqas ta’ pedofelija. Illi pero’ dan il-paragrafu qiegħed jitratta mal-appellant bħallikieku huwa kien akkużat b’xi każ relatat ma’ abbuż sesswali ta' minuri li ovvjament ma kienx il-każ.

(ii) Illi l-appellant iħoss li l-paragrafu (d) tal-ordni ta’ trażżin qiegħed inġustament joħloq tbatijiet żejda fuqu stante li taffetwa x-xogħol tiegħu.

(iii) Illi lanqas il-Prosekuzzjoni ma talbet għal din l-ordni ta’ trażżin u fiċ-ċirkostanzi din l-ordni tidher li ma kinitx taqa’ fil-parametri tal-liġi għax meta wieħed janalizza l-artikoli relevanti, l-aġent passiv ta’ din l-ordni għandu jkun jew il-persuna offiża jew individwu speċifiku. Illi ordni fil-konfront ta’ kull minuri u mhux individwu speċifiku ma setgħetx tiġi mposta bil-Liġi.

## D. IL-KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

4. Illi nhar it-28 ta' Awissu 2022, għal ħabta tal-7.45hrs, il-Pulizija ta' ġewwa l-Għassa tal-Qawra daħlilha rapport b'mod anonimu li kien hemm ġuvni li kien jidher aġitat ġewwa Triq Ananija f'San Pawl Il-Baħar. Il-Pulizija marru fuq il-post u l-vittma identifika ruħu bħala Alvaro Sanchez Lumbreras, ġuvni ta' għoxrin sena u ta' ċittadinanza spanjola. Jirriżulta illi huwa kien qiegħed jirrisjedi ma' persuna maskili ossija fi proprjeta tal-appellant – fl-indirizz 13, Flat 36 Triq Ananija, f'San Pawl Il-Baħar u dan għal perjodu li huwa kien ġie Malta sabiex jistudja l-Ingliż.

5. Ili l-appellant John MALLIA ġie mitkellem mill-Pulizija u stqarr illi meta huwa kien għaddej minn fejn il-kamra tas-sodda ta' Sanchez, huwa ra li kien rieqed għarwien u dan il-ġest interpretah bħala stedina sabiex jagħmel atti ta' natura sesswali miegħu. Il-vittma qal li huwa kien rieqed u li kif qam sab lill-appellant imisslu l-parti ġenitali tiegħu. L-appellant stqarr ukoll mal-Pulizija li hekk kif induna li Sanchez ma kienx irid jipparteċipa miegħu, waqaf mill-ewwel u skuża ruħu.

6. Illi nhar id-29 ta' Awissu 2022 l-appellant tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja u hekk kif kien debitament assistit, huwa rreġistra ammisssjoni għall-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu. Ukoll, wara li ngħata żmien sabiex jikkonsidra l-ammissjoni tiegħu, huwa reġa' kkonfermaha u l-Qorti għaddiet għas-sentenza.

### Ikkunsidrat

7. Il-lanjanza tal-appellant MALLIA tirrigwarda l-kwalita' tal-piena imposta għal dak li għandu x'jaqsam mal-ordni ta' trażżin. Issa, huwa prinċipju ormai stabbilt li f'materja ta' appell minn piena, sabiex Qorti tal-Appell tibdel il-piena li tkun erogat l-ewwel Qorti, dan tagħmlu biss fl-eventwalita' li jirriżultalha li tali piena tkun żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva. Hekk ġie mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek** deċiża nhar il-25 t'Awissu 2005:

It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):

"The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."[2]

This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.

8. Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar il-fuq fl-appell **Kandemir** u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb**, deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bħala Qorti ta' appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-ewwel istanza sempliċiment għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju wara l-emanazzjoni ta' dik il-piena. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-Ingilterra żviluppat ukoll il-

kunċett ta' sindakabilita tal-piena tal-Qorti tal-Ewwel Istanza fil-każ li din tkun eċċessiva jew manifestament eċċessiva. Biss dan ma jfissirx li sempliċiment għax sentenza tkun tidher li hija fuq in-naħa aktar severa din tkun tissodisfa dan it-test tal-eċċessivita jew eċċessivita manifesta. Anzi dik il-Qorti ttenni li appell fuq tali piena jkun jista' jiġi milqugħ jekk jirriżulta li s-sentenza tkun barra l-parametri tal-piena li tkun applikabbli għall-offiża in kwistjoni u għaċ-ċirkostanzi tal-ħati u mhux għaliex tkun piena li tkun għola minn dik li kieku l-Qorti tal-Appell kienet teroga għall-każ in kwistjoni. Dawn il-prinċipji ġew ukoll imħadnin minn din il-Qorti, kolleġjalment komposta fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmen Butler et** deċiża nhar is-26 ta' Frar 2009 fejn ġie mistqarr ukoll is-segwenti:

> 8. Fil-verita`, dawn il-principji huma rifless tal-principju l-iehor li meta jkun hemm sentenza li tigi appellata mill-hati, il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-ewwel qorti sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-ewwel qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti) li kien jincidi b'mod partikolari fuq il- piena. S'intendi, kif diga` nghad, "sentencing is an art rather than a science" u wiehed ma jistax jippretendi xi precizjoni matematika jew identita` perfetta fit-tqabbil tal- fatti ta' kaz ma' iehor jew tal-piena erogata f'kaz ma' dik erogata f'kaz iehor.

9. **Il-ġurisprudenza prevalenti f'dan il-kuntest, tgħallem li meta Qorti tiġi biex teroga piena trid tieħu kont taċ-ċirkostanzi kollha li jsawru l-każ, jiġifieri dawk tal-vitmi, l-interessi tal-komunita kollha kemm hi, kif ukoll dawk tal-ħati.** F'dan is-sens, kemm il-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik Ingliża tistabbilixxi li fl-eżerċiżżju ta' reviżjoni imħolli lilha, il-Qorti tal-Appell Kriminali trid tistħarreġ appell fuq il-piena inflitta kemm billi tqis iċ-ċirkostanzi kollha prevalenti li l-Qorti tal-Ewwel Istanza setgħet kienet f'qagħda li tara, kif ukoll, skont kif imsemmi fis-sentenza **Butler** tqis anke, possibilment, lil xi ċirkostanza sussegwenti għas-sentenza ta' l-ewwel qorti.

10. In oltre, f'materja ta' appell minn sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) meta l-imputat appellant ikun hekk irreġistra **ammissjoni** skont il-Liġi, il-pożizzjoni ribadita mill-Qrati Maltin hija dik li stqarret il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Serag F. H. Ben Abid** deċiża nhar l-4 ta' Diċembru 2003:

> Issa fit-termini tal-gurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati taghna, **meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuz appell minn piena sakemm din**

**tirrientra fil-limiti li tipprefiggi l-ligi**.[1] Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qieghed jassumi r-responsabilita` tad-decizjoni li jkun ha u jirrimetti ruhu ghal kull decizjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal ghaliha. Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati ohra ta' appell ma jidhlux f'ezami akkurat tac-cirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kenitx eccessiva jew le. Mhuwiex normali pero`, li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun inghatat.

11. Illi bl-Artikolu 382A tal-Kodiċi Kriminali, il-Qrati ta' Ġustizzja Kriminali għandhom is-setgħa illi flimkien mas-sentenza kundannatorja, jagħmlu ordni ta' trażżin fil-konfront tal-akkużat u dan meta jqisu li dan ikun espedjenti għal dawk ir-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu 412Ċ(1) tal-Kodiċi Kriminali. Skont l-Artikolu 382A tal-Kodiċi Kriminali ordni ta' trażżin tista' ssir għall-istess raġunijiet li Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tista' tagħmel ordni ta' protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali. Il-Liġi tippreskrivi bħala raġunijiet espedjenti:

(i) L-iskop li tipprovdi għas-sigurta' tal-persuna offiża jew ta' individwi oħra;
(ii) Iż-żamma ta' l-ordni pubbliku;
(iii) L-iskop ta' protezzjoni tal-persuna leża jew ta' individwi oħra minn fastidju jew imġiba oħra li tikkaġna biża ta' vjolenza.

12. Għalkemm il-Liġi tagħti s-setgħa lill-Qorti kif ingħad, din is-diskrezzjoni mhix assoluta in kwantu hija ċirkoskritta minn kunsiderazzjonijiet li l-Liġi stess tippreskrivi fl-evalwazzjoni tan-neċessita' li tiġi maħruġa l-ordni ta' trażżin. F'dan ir-rigward l-Artikolu 412Ċ(3) tal-Kodiċi Kriminali jgħid li qabel tagħmel tali ordni, il-Qorti għandha tieħu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom u b'mod partikolari:

(a) il-ħtieġa li bil-ħruġ tal-ordni tat-trażżin jiġi żgurat li persuna oħra jew individwu ieħor speċifikat fl-ordni, ikunu protetti minn kull dannu jew molestja.
(b) Il-benesseri ta' tfal jew dipendenti oħra li jistgħu jintlaqtu mill-ordni; u
(c) il-ħtiġiet ta' akkomodazzjoni tal-persuni kollha li jistgħu jintlaqtu mill-ordni, b'mod partikolari tal-persuna offiża, it-tfal tagħha jew id-dipendenti l-oħra tagħha; u

[1] Enfasi ta' din il-Qorti.

(d) kull tbatija li tista' tkun kaġunata lill-akkużat jew lil xi persuna oħra minħabba li tkun saret l-ordni;
(e) jekk l-akkużat ikunx irid jew le li jingħata dak it-trattament li l-Qorti jista' jidhrilha li jkun xieraq; u
(f) kull materja oħra li, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, il-Qorti jidhrilha li tkun relevanti:
Iżda għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-materji li jinsabu fil-paragrafi (a), (b) u (e).

13. Ukoll, fl-Artikolu 412Ċ(4) tal-Kodiċi Kriminali, jingħad kif l-ordni ta' protezzjoni (mutatis mutandis l-ordni ta' trażżin ai termini tal-Artikolu 382A tal-Kodiċi Kriminali) għandha tinħareġ f'dawk iċ-ċirkostanzi fejn jiġi vvalutat kif il-persuna offiża **jew persuna relevanti oħra**, tkun f'riskju u dan b'referenza għal dak ir-riskju naxxenti mill-aġir kriminuż tal-akkużat.

14. Dan ifisser li s-suġġett ta' protezzjoni taħt ordni ta' trażżin skont l-Artikolu 382A tal-Kodiċi Kriminali (daqskemm ta' ordni ta' protezzjoni maħruġa pendente l-proċess penali ai termini tal-Artikolu 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali) huwa dak li tipproteġi **mhux biss** lill-individwu/vittma tar-reat li fir-rigward tiegħu tkun instabet ħtija iżda wkoll kull persuna – inkluż kategorija ta' persuni allura - li tista' tiġi meqjusa bħala li tkun f'riskju li tiġi soġġetta għar-reat minħabba l-aġir tas-suġġett attiv tar-reat.

15. Il-Liġi, f'dan l-Artikolu 412Ċ(4) tal-Kodiċi Kriminali tagħmel enfasi fuq li din id-diskrezzjoni tal-Qorti hija marbuta **b'mod integrali** maċ-ċirkostanzi li jsawru l-każ in kwistjoni. Dan peress li jista' jkun hemm każijiet li jkunu jafu jimmeritaw protezzjoni lil kategorija usa ta' persuni oltre għall-vittma diretta tal-każ.

16. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kellha l-opportunita li tara u tanalizza ċ-ċirkostanzi ta' dal-każ minn fejn joħroġ li l-appellant żbalja bl-ikrah meta ħalla l-istint jiġri bih u għad li dan setgħa kien każ iżolat, wera' li l-appellant, f'kuntest fejn huwa kien jospita persuni taħt is-saqaf tiegħu, fl-intimita ta' bejn dawk l-erba' ħitan ma kienx jaf jikkontrolla lilu nnifsu. Mill-fatti li ammetta għalihom l-appellant, ma jirriżultax li Sanchez Lumbreras qatt stiednu sabiex jipparteċipaw f'attivitajiet ta' natura sesswali flimkien - tant li l-vittma ħassu turbat mhux ftit b'dak li ġarrab. Jirriżulta li d-dehra ta' Sanchez Lumbreras rieqed għarwien f'kamartu – mingħajr ma dan iż-żagħżugħ qatt ma tah x'jifhem jew stiednu għall-attivitajiet sesswali - kienet suġġestiva

biżżejjed għall-appellant biex ħalliet il-passjonijiet tiegħu jiġru bih u rrenda ruħu responsabbli għal kommissjoni ta' dan ir-reat kriminali.

17. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) qieset dan l-aġir tal-appellant bħala meritevoli li jkun segwit minn professjonisti bħalma huma l-Uffiċjali tal-Probation u għal tali skop nħarġet fil-konfront tiegħu ordni ta' probation ai termini tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

18. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ħasset il-ħtieġa li testendi l-ordni ta' trażżin ukoll għall-kategorija ta' persuni oltre għall-vittma tal-kawża in diżamina. Dan irid jitqies fl-isfond li dan l-inċident seħħ fil-privatezza tad-dar tal-appellant fejn huwa ospita lill-vitma; u bħal dan il-vitma fil-ġejjieni jista' jkun hemm persuni oħra ospitati minnu u li jkollhom drawwiet partikolari bħal li jorqdu għarwenin. Il-preokkupazzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) allura tidher li kienet il-biża ta' ripetizzjoni ta' episodji oħra bħal dawk li seħħew f'dan il-każ fil-ġejjieni. F'dan is-sens għalhekk l-ordni tat-trażżin hija intiża li tipproteġi lil kategorija ta' persuni oħra, inkluż dawk li jistgħu jsibu ruħhom f'sitwazzjoni bħal dik li sab ruħu fiha l-vitma f'dan il-każ li kien qiegħed jirrisjedi mal-appellant fl-istess residenza jew li jkunu miegħu f'xi post konfinat jew ristrett. Wara li wieżnet il-fatturi elenkati mil-Liġi fl-artikolu 412Ċ(3) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ħasset li kellhom jiġu protetti wkoll dawn il-persuni minn riskju potenzjali li wkoll jissubixxu xi għemil ieħor simili mill-appellant kif ġara fil-każ in diżamina.

19. Din il-Qorti ma tistax lanqas taqbel mal-appellant fejn jikkunsidra din il-kundizzjoni (d) ma tirrientrax fil-parametri tal-Liġi. L-artikolu 382A tal-Kodiċi Kriminali jirrendi l-artikolu 412Ċ(8) tal-Kodiċi Kriminali applikabbli wkoll għal ordni ta' trażżin. Inoltre, filwaqt li l-artikolu 412Ċ(8) jipprovdi lista ta' dawk ir-restrizzjonijiet li jistgħu jiġu imposti mil-Qorti tal-Maġistrati (Malta), bl-ebda mod ma jista' jingħad li din il-lista hija eżawrjenti. Il-kliem tal-ftugħ ta' dan is-subartikolu innifsu jixhed dan. Dawk il-kundizzjonijiet nonche' restrizzjonijiet li imponiet il-Qorti tal-Maġistrati (Malta), fosthom il-kundizzjoni lamentata mill-appellant, huma min-natura tagħhom neċessarji għas-salvagwardja tal-interessi privati, nonche tal-ordni pubbliku u kwindi jirrientraw ukoll fir-raġunijiet li hija l-Liġi stess li tippreskrivi bħala bażi għall-eżerċizzju tad-diskrezzjoni mogħtija lil Qorti fl-Artikolu 382A tal-Kodiċi Kriminali. F'dan is-sens din il-Qorti ma tara li hemm xejn li jista' jiġi ċensurat fid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati meta mponiet il-kondizzjoni (d) fl-ordni tat-trazzin. Wara kollox din hija restrizzjoni temporanja matul il-pendenza tal-ordni tal-

probation u għalhekk l-appellant għandu jħares il-quddiem li jimxi mal-istess ordni sabiex fi tmiemha jkun jista' jiġi verifikat il-progress li huwa jkun għamel.

20. Għaldaqstant, il-Qorti tiċħad l-aggravju tal-appellant.

# Deċide

**Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.**

**Aaron M. Bugeja,**
**Imħallef**